Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 7 ta’ Diċembru 2017**
**(OR. en)**

**15506/17**

**EMPL 606**
**SOC 795**
**DIGIT 276**
**EDUC 447**
**PENS 8**
**FISC 352**
**GENDER 43**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| fi: | 7 ta’ Diċembru 2017 |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 14954/17 |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Futur tax-Xogħol: Tiġi ffaċilitata d-diġitalizzazzjoni (e-Easy)<br>(7 ta' Diċembru 2017) |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Il-Futur tax-Xogħol: Tiġi ffaċilitata d-diġitalizzazzjoni (e-Easy), adottati mill-Kunsill fit-3583 laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta’ Diċembru 2017.

**Il-Futur tax-Xogħol: Tiġi ffaċilitata d-diġitalizzazzjoni (e-Easy)**

**Konklużjonijiet tal-Kunsill**

**BILLI**

1. Fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi, inkluż l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, il-globalizzazzjoni, bidliet demografiċi u l-migrazzjoni internazzjonali, is-suq tax-xogħol u l-impjiegi esperjenzaw tibdil b'mod rapidu, li qed jinfluwenza n-natura, il-kwalità u l-produttività tax-xogħol. F'dan il-kuntest, id-dinja tax-xogħol qed tinbidel u qed issir aktar kumplessa. Filwaqt li xi impjiegi jistgħu jiġu awtomatizzati permezz tal-użu ta' robots u intelliġenza artifiċjali, impjiegi u kompiti oħra qed jinbidlu, u qed jinħolqu forom ta' xogħol ġodda filwaqt li xi forom ta' xogħol qed jibqgħu l-istess.

2. Ir-relazzjonijiet tax-xogħol tradizzjonali qed jiġu kkomplementati jew sostitwiti b'forom ta' impjieg ġodda, mhux standard u aktar flessibbli, bħal xogħol ipprovdut fuq pjattaformi diġitali fil-kuntest ta' ekonomija bbażata fuq il-kompiti, iżda wkoll permezz ta' diversi forom ta' impjieg indipendenti. Dawn il-bidliet joħolqu opportunitajiet ġodda għall-persuni biex jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, iżda jistgħu wkoll ikollhom effett negattiv fuq il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tal-ħaddiema u jistgħu jwasslu għal żieda fix-xogħol prekarju. Dan iqajjem mistoqsijiet dwar liema forom ta' xogħol huma aċċettabbli u kif il-kwalità tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali jistgħu jiġu salvagwardjati għall-ħaddiema kollha, tkun xi tkun il-forma ta' xogħol li jagħmlu.

3. It-trasformazzjoni diġitali u modi ġodda ta' xogħol qed jistabbilixxu rekwiżiti ġodda għat-tipi ta' ħiliet u kompetenzi meħtieġa fis-suq tax-xogħol. Il-kompetenzi diġitali u l-ħiliet trasversali huma essenzjali biex jippermettu lill-persuni jadattaw għall-impjiegi tal-futur: forom ġodda ta' xogħol jeħtieġu kapaċitajiet sodi ta' teħid ta' deċiżjonijiet; bidliet fix-xejriet tal-karrieri jirrinforzaw il-ħtieġa ta' tagħlim kontinwu; teknoloġiji ġodda jeħtieġu settijiet ta' ħiliet ġodda, b'mod partikolari ħiliet diġitali u konjittivi. Fl-istess ħin, il-bidliet fin-natura tar-relazzjonijiet tax-xogħol joħolqu sfidi għar-rwol attwali tal-ħaddiema, tal-impjegaturi u tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni fir-rigward tal-iżvilupp tal-ħiliet. Barra minn hekk, is-sistemi tal-iżvilupp tal-ħiliet eżistenti għad iridu jesploraw kif huma jistgħu jadattaw b'biżżejjed ħeffa sabiex jissodisfaw id-domandi għal ħiliet ġodda.

4. It-tema tal-futur tax-xogħol diġà tat bidu għal djalogu siewi f'livell Ewropew u f'livell internazzjonali. F'Settembru 2017, taħt il-Presidenza Estonjana, ġiet organizzata konferenza ta' livell għoli dwar il-Futur tax-Xogħol u s-Summit Diġitali ta' Tallinn. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ukoll avvanzaw it-tema tal-futur tax-xogħol.

5. F'dinja tax-xogħol li qed tinbidel, jeħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri u s-sħab soċjali jkunu innovattivi u jesploraw modi ġodda għall-ġestjoni tal-impjiegi, il-protezzjoni soċjali u l-iżvilupp tal-ħiliet. L-Unjoni Ewropea diġà nediet diversi inizjattivi ta' politika dwar it-triq 'il quddiem għal Ewropa soċjali. Fl-2016, il-Kummissjoni Ewropea adottat Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa u Aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva. F'April 2017, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jistabbilixxi diversi prinċipji ewlenin u drittijiet li jappoġġaw swieq tax-xogħol u sistemi ta' assistenza soċjali li huma ġusti u li jaħdmu sew. Il-prinċipji proposti għandhom l-għan li jindirizzaw il-bidliet fid-dinja tax-xogħol u soċjetajiet li jimmarkaw il-qofol tal-ekonomija soċjali tas-suq tas-seklu 21.

**FILWAQT LI JENFASIZZA LI**

KONDIZZJONIJIET TA' IMPJIEG U TA' XOGĦOL

6. Ir-relazzjoni tax-xogħol tradizzjonali kienet ibbażata fuq relazzjoni ta' impjieg b'kuntratt indefinit, bla limitu, full-time u dirett ma' impjegatur wieħed. Madankollu, valutazzjonijiet reċenti jindikaw li qed issir dejjem iktar sfukata d-distinzjoni bejn l-impjegaturi u l-impjegati dipendenti kaġun tad-diġitalizzazzjoni, l-iżvilupp ta' ekonomija tal-pjattaforma u l-emerġenza ta' forom ta' xogħol ġodda. Tibdil fix-xejriet tax-xogħol jaffettwaw il-bilanċ tar-responsabbiltajiet bejn l-impjegaturi u l-ħaddiema, u f'xi każijiet, ir-responsabbiltajiet tal-ħaddiema fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom x'aktarx li ser jiżdiedu, pereżempju fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-ħin tax-xogħol. Irrispettivament mill-bidliet fix-xejriet tax-xogħol, iridu jiġu żgurati kondizzjonijiet tax-xogħol deċenti għal kulħadd.

7. Il-ħajja tax-xogħol qiegħda dejjem titwal, issir aktar diversa u aktar mobbli. Il-politiki tal-impjiegi u dawk soċjali jeħtieġu wkoll li jiġu adattati għar-realtà l-ġdida, sabiex jgħinu lill-organizzazzjonijiet biex jidraw u lin-nies biex isiru aktar reżiljenti, u sabiex jappoġġaw aħjar u jagħtu s-setgħa lill-individwi matul it-tranżizzjonijiet. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-mobbiltà okkupazzjonali u ġeografika u jsaħħu s-sensibilizzazzjoni u l-appoġġ għal dawk l-aktar maqtugħin mis-suq tax-xogħol. Is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi jista' jkollhom rwol ewlieni fil-faċilitazzjoni tat-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol.

8. Peress li l-metodi tradizzjonali tax-xogħol huma kkombinati ma' forom ta' impjiegi ġodda, l-Istati Membri u s-sħab soċjali għandhom iħaddnu l-opportunitajiet li jinħolqu kaġun tal-bidliet fid-dinja tax-xogħol, u fl-istess ħin jipprovdu kondizzjonijiet tax-xogħol deċenti sabiex jipproteġu lill-ħaddiema u jiżguraw opportunitajiet ugwali għal kulħadd biex jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol. Dawn l-opportunitajiet għandhom ukoll il-potenzjal li jippermettu lill-ġenituri u persuni oħrajn b'responsabbiltajiet ta' kura jibbilanċjaw aħjar il-ħajja tax-xogħol u tal-familja tagħhom.

9. L-inugwaljanzi tradizzjonali jibqgħu jistabbilixxu ruħhom anke fid-dinja tax-xogħol il-ġdida, inkluż fil-forma tas-segregazzjoni bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol. L-aċċellerazzjoni fl-isforzi biex jiġu indirizzati d-differenzi bejn is-sessi u sabiex in-nisa u l-irġiel ikunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn l-opportunitajiet il-ġodda f'numri aktar ugwali, iżda wkoll il-promozzjoni tad-diversità u l-opportunitajiet indaqs għall-gruppi żvantaġġati kollha, fost l-oħrajn permezz tal-ekonomija soċjali, jistgħu jiftħu possibbiltajiet ġodda għal individwi, organizzazzjonijiet, l-ekonomija u s-soċjetà inġenerali.

10. Karatteristika essenzjali tal-Ewropa hija d-djalogu soċjali. L-impjegaturi u l-impjegati, flimkien mar-rappreżentanti rispettivi tagħhom, jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jindirizzaw kwistjonijiet marbuta mal-impjiegi. Sħab soċjali b'saħħithom u djalogu soċjali effettiv fil-livelli kollha huma indispensabbli għat-tfassil ta' futur tax-xogħol li jkun ġust u ekwu. Fid-dinja l-ġdida tax-xogħol jeħtieġ li s-sħab soċjali jsibu modi biex jiżguraw li ċ-ċittadini kollha attivi ekonomikament jaħdmu f'diversi forom ta' xogħol, jibqgħu jiġu rrappreżentati sew u jibqgħu jsemmgħu leħinhom permezz ta' djalogu soċjali.

PROTEZZJONI SOĊJALI

11. Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali minn dejjem kienu parti vitali f'Ewropa Soċjali. Forom ġodda ta' xogħol jagħmluha neċessarju li nżommu jew inżidu l-livelli ta' protezzjoni soċjali tagħna li joffru protezzjoni adegwata kontra r-riskji soċjali.

12. Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali fl-Istati Membri għandhom iqisu forom ġodda ta' impjieg, inkluż is-sitwazzjoni ta' persuni li sikwit jiċċaqalqu bejn forom differenti ta' xogħol. F'dan il-kuntest id-drittijiet tal-protezzjoni soċjali akkwistati għandhom jinżammu f'każ ta' transizzjoni bejn stati ta' impjieg differenti f'konformità mal-prattiki nazzjonali. Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali jeħtieġ li jitfasslu fuq il-kapaċitajiet ta' kontribuzzjoni u l-ħtiġijiet ta' protezzjoni tad-diversi forom ta' impjieg. Iridu jsiru bidliet fis-sistemi tal-protezzjoni soċjali skont il-kompetenzi nazzjonali u b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi nazzjonali u b'rispett tar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali.

13. It-tassazzjoni tax-xogħol tibqa' sors ewlieni ta' dħul għall-iskemi ta' protezzjoni soċjali. Madankollu, il-forom ġodda ta' impjiegi u intraprenditorija jisfumaw id-distinzjoni bejn l-impjegatur u l-impjegat, li s'issa kienet il-bażi għas-sistemi ta' taxxa u benefiċċji. Fid-dawl ta' żviluppi futuri fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari l-emerġenza ta' forom differenti ta' xogħol, jista' jkun meħtieġ li tiġi eżaminata t-taħlita attwali bejn it-tassazzjoni tax-xogħol u riżorsi oħrajn sabiex jiġi żgurat li hemm finanzjament adegwat għall-iskemi ta' protezzjoni soċjali.

14. L-iżvilupp teknoloġiku fil-qasam tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni jipprovdi lill-gvernijiet b'għodod effettivi biex jamministraw sistemi ta' taxxa u benefiċċji b'mod innovattiv. Jistgħu jintużaw soluzzjonijiet elettroniċi biex jindirizzaw l-ekonomija informali, biex b'mod proattiv jiġu pprovduti benefiċċji u servizzi pubbliċi liċ-ċittadini u sabiex jappoġġaw l-għoti ta' protezzjoni soċjali.

ĦILIET U KOMPETENZI

15. Il-ħtiġijiet tal-ħiliet futuri diffiċli tipprevedihom u t-tul ta' ħajja tal-ħiliet x'aktarx li ser jiċkien minħabba r-rapidità tal-bidliet teknoloġiċi. Huma meħtieġa investimenti għaqlin fil-ħiliet, xprunati mid-domanda eżistenti u mix-xejriet emerġenti, biex jappoġġaw l-impjegabbiltà tal-ħaddiema, il-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa u tal-irġiel fis-suq tax-xogħol, l-integrazzjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu għadhom kif waslu u li jirrisjedu legalment filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali minquxa fit-Trattati u l-bidliet fl-ekonomija. Il-gvernijiet, l-impjegaturi u l-ħaddiema bl-istess mod jeħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom biex jippjanaw attivitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet.

16. Il-gvernijiet jeħtieġ li joħolqu biżżejjed kondizzjonijiet qafas għall-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja u l-edukazzjoni postinizjali. Il-gvernijiet u l-istituzzjonijiet edukattivi għandhom jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib ma' negozji u sħab soċjali biex jiżguraw li l-edukazzjoni mhux biss taqbel mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, iżda tipprovdi wkoll lill-istudenti il-ħiliet ġeneriċi li huma meħtieġa biex jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà u biex jiksbu ħiliet ġodda aktar tard fil-karriera tagħhom (jiġifieri li jitgħallmu kif jitgħallmu). L-impjegaturi ser ikollhom jimpenjaw ruħhom b'mod attiv fit-tisħiħ u fl-użu aħjar tal-ħiliet tal-impjegati tagħhom jekk iridu jibqgħu kompetittivi. Meta jitqiesu l-bidliet fix-xejriet tax-xogħol, irid jiġi żgurat li l-ħaddiema kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv f'miżuri mmirati lejn l-iżvilupp tal-ħiliet tagħhom tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom. Flimkien, l-impjegaturi u l-impjegati, għandhom joħolqu ambjenti tax-xogħol li fihom l-iżvilupp kontinwu tal-ħiliet, kemm permezz ta' tagħlim formali kif ukoll informali, ikun parti naturali tax-xogħol. It-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol huwa eżempju tajjeb ta' kif il-ħtiġijiet reċiproċi tal-impjegatur u tal-impjegati futuri jistgħu jiġu kkombinati. Il-ħaddiema jkunu mistennija wkoll jieħdu aktar responsabbiltà biex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom.

17. Livelli baxxi ta' ħiliet bażiċi, bħal-litteriżmu, in-numeriżmu u l-ħiliet diġitali għadhom jippersistu fost parti sinifikanti tal-popolazzjoni Ewropea, u dan idgħajjef l-impjegabilità ta' dawn l-individwi. Sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas fil-ħiliet, hemm il-ħtieġa urġenti li tiżdied il-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja, speċjalment fost dawk bl-għola probabbiltà li jiġu affettwati b'mod negattiv mid-domanda għal ħiliet li qed jinbidlu. It-titjib fil-ħiliet bażiċi inkluż il-ħiliet diġitali jrid ikun element essenzjali tat-taħriġ tul il-ħajja sabiex tiġi evitata aktar esklużjoni mix-xogħol u mis-soċjetà u għall-promozzjoni tat-tranżizzjonijiet lejn is-suq tax-xogħol.

18. Il-provvista ta' opportunitajiet ta' tagħlim aċċessibbli, affordabbli u flessibbli għandha tiżdied, pereżempju, billi t-tagħlim isir aktar aċċessibbli, billi tittejjeb il-validazzjoni u r-rikonoxximent tat-tagħlim mhux formali u informali, tiżdied il-provvista ta' forom modulari tal-edukazzjoni u permezz tal-użu ta' għodda online, u billi jiġu rikonoxxuti l-ħiliet miksuba. Dan jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn sensibilizzazzjoni u gwida xierqa sabiex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-kumpanniji u tal-individwi.

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JISTIEDEN,**

f'kooperazzjoni mill-qrib u f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom:

19. lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni Ewropea u lis-sħab soċjali biex jagħrfu l-ħolqien ta' forom ġodda ta' xogħol, filwaqt li jiżguraw kondizzjonijiet tax-xogħol diċenti, protezzjoni soċjali adegwata u opportunitajiet ugwali għal kulħadd, u jsibu modi biex itaffu l-effetti potenzjalment negattivi ta' suq tax-xogħol li qed jinbidel b'mod partikolari fir-rigward ta' persuni vulnerabbli. L-opportunitajiet li jirriżultaw minn żviluppi teknoloġiċi għandhom jiġu esplorati biex il-parteċipazzjoni attiva tilħaq aktar nies u tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni u l-esklużjoni fis-suq tax-xogħol. Għandhom jiġu evitati relazzjonijiet tax-xogħol li jwasslu għal kondizzjonijiet tax-xogħol prekarji, inkluż billi jiġi indirizzat l-abbuż ta' kuntratti atipiċi.

20. lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea biex iqisu l-forom tax-xogħol li qed jinbidlu meta jkunu qegħdin jiżviluppaw u jimplimentaw politiki tax-xogħol, inkluż is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, tal-edukazzjoni u t-taħriġ u dawk soċjali. F'dan il-kuntest, biex iżidu l-isforzi tagħhom biex isaħħu l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi f'dawn il-politiki, inkluż bil-ħsieb li l-iżvilupp tal-ħiliet, u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali sottostanti.

21. lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni Ewropea u, skont il-prattiki nazzjonali, lis-sħab soċjali, biex jesploraw kif l-aħjar jassistu u jiggwidaw lill-individwi matul it-tranżizzjonijiet bejn impjieg u ieħor u forom differenti ta' impjiegi. B'mod partikolari, għandha tkun disponibbli sistema ta' appoġġ integrata u komprensiva li tikkombina appoġġ għall-attivazzjoni u d-dħul, kif ukoll aċċess għal servizzi ta' appoġġ, inkluż edukazzjoni u taħriġ u opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja.

22. lill-Istati Membri sabiex ikomplu jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni soċjali għal kull forma ta' impjieg filwaqt li x-xogħol jagħmluh irendi, u sabiex jadattaw l-iskemi ta' protezzjoni soċjali fejn meħtieġ biex jippermettu li forom ġodda ta' impjieg ikunu koperti skont prattiki nazzjonali.

23. F'konformità mal-leġislazzjoni u l-prattiki nazzjonali, lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali, bil-kooperazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, biex ikomplu jiżviluppaw mekkaniżmi tat-tbassir tal-ħiliet sabiex jantiċipaw l-emerġenza ta' impjiegi ġodda u bidliet f'impjiegi eżistenti, u jimplimentaw il-politiki meħtieġa biex jinvestu fil-ħiliet adatti.

24. lill-Istati Membri biex jagħmlu s-sistemi ta' tagħlim tul il-ħajja aktar aċċessibbli u flessibbli filwaqt li jħeġġu lill-impjegaturi u lill-individwi biex jinvestu fit-tagħlim. Fost affarijiet oħra, għandhom jiġu kkunsidrati opzjonijiet ta' appoġġ għal taħriġ li jista' jintuża tul il-ħajja kollha, indipendentement mill-istatus tal-impjieg, bħall-kontijiet ta' tagħlim individwali. Għandhom jiġu introdotti u mwessa' mekkaniżmi għar-rikonoxximent ta' tagħlim mhux formali u informali fis-suq tax-xogħol.

25. lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea u skont il-prattiki nazzjonali lis-sħab soċjali biex itejbu l-kooperazzjoni bi skambju ta' informazzjoni u tal-aqwa prattiki dwar il-futur tax-xogħol. lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni Ewropea u lis-sħab soċjali skont il-prattiki nazzjonali biex jużaw jew joħolqu jew jaġġornaw l-għodda biex jamministraw il-politiki tal-impjiegi, tal-protezzjoni soċjali u tal-żvilupp tal-ħiliet b'mod innovattiv. Permezz ta' tagħlim reċiproku, huwa possibbli li jinħoloq sett ta' għodod li jinkludi firxa ta' soluzzjonijiet elettroniċi li jippermettu lis-sistemi ta' politika biex jadattaw għal suq tax-xogħol li dejjem qed jinbidel.

26. lis-sħab soċjali fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, skont il-prattiki nazzjonali, biex iżidu s-sensibilizzazzjoni tal-parteċipanti tas-suq tax-xogħol dwar il-benefiċċji u r-riskji potenzjali tal-forom emerġenti ta' impjieg.

27. lis-sħab soċjali, skont il-prattiki nazzjonali, biex isibu modi kif jiżguraw li dawk li huma ekonomikament attivi f'forom ġodda ta' impjieg huma rappreżentati sew u li leħinhom jibqa' jinstema fi ħdan djalogu soċjali.

---

**Referenzi**


- **Eurofound** (2017), Forom mhux standard ta' impjieg: Recent trends and future prospects Background paper for Estonian Presidency Conference 'Future of Work: Making It e-Easy', 13 -14 ta' Settembru 2017.
- **Eurofound (2015),** New forms of employment, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
- **Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** EESC (2017), Opinjoni Esploratorja – Ir-rwol u l-opportunitajiet tal-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili fil-kuntest ta' forom ġodda ta' xogħol.
- **Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** (2017), Opinjoni Esploratorja – Il-provvista u l-iżvilupp tal-ħiliet, inklużi l-ħiliet diġitali, fil-kuntest ta' forom ġodda ta' xogħol: politiki ġodda u tibdil fir-rwoli u r-responsabbiltajiet.
- **OECD** (2016), Innovating Education and Educating for Innovation: The Power of Digital Technologies and Skills, OECD Publishing, Pariġi.
- Rapport Annwali tal-**Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali** (2017)